# IL-BOMBA ATOMIKA

*Ta'* MAURICE GAMBIN

FIS-SENA 1896 Henri Becquerel sab li l-element Uranium kien qiegħed jitfa' l-ħin kollu ċerti raġġi ta' radjo-attività. Sentejn wara Madame u Pierre Curie sabu li element ieħor, Radium, kien qiegħed jitfa' l-istess raġġi. Iżda dawn ir-raġġi tar-Radium kienu xi miljun darba aktar qawwija minn dawk ta' l-Uranium. Kixfiet kbar bħal dawn ma setgħux ma jgħaġġbux lid-dinja : mill-ewwel bdew isiru kullimkien esperimenti dwar l-atomi ta' dawn iż-żewġ elementi, biex inkunu nistgħu nużaw il-qawwa bla qies li fihom fil-ħajja tagħna.

Għax l-għorrief tax-xjenza fehmu li jekk jirnexxilhom jaqsmu mhux atomu wieħed, iżda miljuni u eluf ta' miljuni f'daqqa waħda kienu jiksbu ħażna kbira ta' enerġija li tkun tista' tegħleb ħafna mis-setgħat moħbija tal-ħolqien.

F'dawn l-aħħar erbgħin sena l-bniedem kiber ġmielu fil-għerf ta' l-atomu; u sa minn qabel il-gwerra kien ġa rnexxielu jfarrku. Malli bdiet il-gwerra t-tfittxijiet żdiedu u bdew isiru bil-moħbi bla ma ħadd taħrablu kelma fuq dak li sab. Hekk, mela, għal sitt snin sħaħ il-ġnus magħquda u l-ġnus ta' l-Assi kienu f'tiġrija li ma bħalha min minnhom jirnexxielu juża l-atomu l-ewwel; iż-żewġ naħiet kienu jafu illi min jużah l-ewwel, jirbaħ il-gwerra.

Għall-ħabta ta' nofs in-nhar tal-5 ta' Awissu, in-nies ftit 'il bogħod minn Hiroshima ħassew l-art titriegħed taħthom. Għall-ewwel ħasbu li kien sar xi terremot, forsi xi ftit aktar eħrex minn tas-soltu. Iżda ftit ftit bdew jaslu għidut u xnigħat tal-biża' tat-twerwir. X'ġara? Waqgħet xi xemx fuq Hiroshima? Splodiet xi bomba kbira, kbira? Jewwilla niżlu l-allat mis-sema biex jitħallsu minn Hiroshima għal xi dnub li hija għamlet? X'ġara?...

X'ġara sewwa sew, dawk li ġarrbu biss setgħu jgħiduh, u minn dawn ħadd ma baqa' ħaj biex igħid x'ħass u x'ra. Tliet ajruplani amerikani dehru għaddejjin fil-għoli tas-smewwiet. Wieħed minnhom telaq bomba żgħira b'ħamsa u għoxrin libbra Uranium. Meta splodiet sa nofs mil ma' dwarha hija ħolqot buffura ta' riħ għaddejja bil-miljuni ta' mili fis-siegħa; wara nofs mil din il-buffura kienet għaddejja bis-sebgħa mija u ħamsin mil fis-siegħa;

jiġifieri ħames darbiet iktar qawwija mill-eħrex riħ li qatt ħolqot in-natura. Sa ftit ta' mijiet ta' piedi oħra r-riħ kellu qawwa ta' l-eħrex uragan. Din hija l-*blast;* iżda x'ingħidu mbagħad għas-sħana li ħolqot din il-bomba atomika? Biżżejjed wieħed igħid li sa mil ma' dwar fejn splodiet, kull ħlejqa u kull ħaġa nħallet u saret duħħan, fi sħana li m'hi xejn inqas minn dik tax-xemx infisha. Taqlibiet kbar bħal dawn għadhom qatt ma saru la fl-ebda kewkba u l-anqas fix-xemx infisha.

Tlett ijiem wara, jiġifieri. fit-8 ta' Awissu, bomba Atomika oħra twaddbet fuq Nagasaki.

Wara li nxteħtet l-ewwel bomba kulħadd ħaseb li dawk li xeħtuha ma kenux jistennew dik il-ħsara kollha. Għaldaqshekk ftit li ħadd ma tkellem; imma wara t-tieni waħda n-nies inqatgħet. Il-Papa, il-ministri, il-filosfi... sa l-inqas bniedem li hemm fit-triq tkellem bil-qawwa kontra tagħha. Għax minn dak in-nhar 'il quddiem ħajjet il-bniedem ġiet iżjed minn qabel imdendla f'ħajta. Bomba waħda u nofs Londra tispiċċa; bomba waħda u Malta ssir baħħ.

Waħda wara waħda x-xjenza wriet lill-bniedem is-setgħat moħbija tan-natura... U waħda wara waħda ġew użati mill-bniedem għall-qerda tiegħu nnifsu. Il-magna, l-ajruplan, l-elettriku, il-kanun, l-arloġġ, il-gas, u fl-aħħar il-bomba atomika, urew kollha kemm tista' tisfa' ta' deni x-xjenza meta tkun użata għall-ħsara u għall-mewt. Iżda kif kull ħaġa għandha s-sabiħ u l-ikraħ tagħha. nistgħu ngħidu li hekk ukoll ix-xjenza; u għalhekk ħafna għandhom tama qawwija li 'l quddiem, meta l-ġnus jingħaqdu, u tkun annuna l-fehma ta' kull wieħed li jgħammar fuq din l-art, u l-istudji progressivi jikbru biex jirbħu l-għeltijiet ta' l-imgħoddi, ix-xjenza tkun tista' tieħu s-sehem tagħha sħiħ u qawwi fit-tneħħija tat-twegħir ta' ħajjet il-bniedem. F'dan il-qasam ta' mħabba u ta' faraġ li għad iżernaq fuq id-dinja mhux minn ta' l-inqas, nittamaw, ikunu l-effetti ta' l-istudju fuq il-bomba atomika.

---